MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 72/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

\- vs -

**JIMMY STELLINI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JIMMY STELLINI** bin Victor u Lucy nee` Casar imwieled nhar l-ghoxrin ta' Marzu, 1968 u residenti 9, Triq Bir ir-Rix, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 213184M, gie mressaq quddiemha akkuzata talli fit-tmienja ta' Jannar, 2004 fis-sebgha ta' filghaxija meta ordnat mill-Qorti jew kif marbut mill-kuntratt biex taghti access lil ibnek taht il-kustodja tieghek, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338 (LL) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe` lil Josephine Stellini, Peter Paul Portelli, Doctor Robert Sciberras, il-minuri Jorn u l-imputat jixhed minn jeddu b’mod volontarju.

Rat d-dokumentazzjoni kollha esibita u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, Superjuri u d-dikjarazzjoni tal-partijiet li jaqblu li din is-sentenza hija kopja fidili tal-original.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed takkuza lil imputat li ma tax access lil martu dwar il-wild minuri Jorn b'mod kapriccuz filwaqt li d-Difiza qed issostni li l-imputat naqas li jaghti l-access mitlub minhabba raguni xierqa kontemplata fil-ligi stess u li ghalhekk in-nuqqas t'access ma kienx rizultat tal-volunta tieghu.

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghal digriet moghti minnha fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angela Busuttil Naudi** datat nhar it-tnax ta' Novembru 2003, moghti fis-sentenza illum deciza nhar id-disgha ta’ Jannar, 2004 dwar dak li jikkontempla l-artikolu in desamina u cioe`:
*"Illi l-artikolu 338 (LL) tal-Kap 9 jikkontempla reat kontra l-ordni pubbliku u mhux reat kontra proprjeta jew kontra l-persuna. Il-legislatur kjarament ried, anke bhala linja ta' public policy, li l-ordnijiet ta' Qorti Civili kompetenti in materja ta' nuqqas t'access, jigu osservati ndependentement mill-volunta tal-partijiet koncernati. Hu sinifikanti nfatti li ghal prosekuzzjoni ta' dan r-reat ma hiex mehtiega l-kwerela tal-parti. Ir-reat hu prosegwibbli ex officio mill-Pulizija Ezekuttiva u ma jistax jigi rinunzjat minn xi parti."*

Fil-fatt referenza ghad-*debates* parlamentari dwar l-emendi li saru fil-Kodici Penali u b'mod partikolari ghal meta gie ntrodott l-artikolu 338(LL) u cioe` meta l-istess artikolu kien qed jigi diskuss fil-*Committee Stage*, l-

Onorevoli Membru tal-Parlament Tonio Borg, fis-seduta numru 171 mizmuma nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju, 1993, deherlu li din il-kontravenzjoni kellha titqies bhala kwistjoni bejn il-familja bejn il-genituri dwar t-tfal taghhom in komuni u ghalhekk fil-fehma tieghu huwa fl-interess pubbliku, fl-interess ta' ordni pubbliku wkoll li jekk hemm ordni tal-Qorti, din ghandha tigi esegwita u ghalhekk taqa taht t-titolu msejjah kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku.

Bhala principju generali meta jkun hemm l-ordni tal-Qorti, persuna ghandha tfittex li tbiddel l-ordni tal-Qorti jekk hemm ragunijiet bizzejjed, billi ssegwi l-proceduri addebitati u mhux billi tiehu f'idejha l-ligi u taghmel dak li jidhrilha hija u tirrifjuta li taghti l-access ordnat mill-Qorti.

*Quod gratis afferitur, gratis negatur.*

Il-fatt li jista jkun hemm motiv legali 'bazat' biex id-digriet tal-Qorti jkun mibdul jista jkollu effett fuq il-piena <u>izda **qatt**</u> fuq il-htija, u dan ghaliex il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhix il-kompetenza li tbiddel digriet. Il-funzjoni ta' din il-Qorti f'dawn c-cirkostanzi, hi biss li tara li jkun hemm il-provvediment idoneju tal-Qorti u tassigura li l-ordni tigi obduta.

Illi kif gie ritenut diversi drabi, sabiex l-imputat jigi gustifikat jew ezonerat mill-obbligu lil ghandu fl-imsemmi digriet tas-Sekond'Awla, irid jkun hemm <u>**raguni xierqa**</u> li minhabba fiha hu ma setghax jottempera ruhu ma dak l-obbligu u dan fl-interess u minhabba l-inkoluminita tal-istess minuri. Fil-fehma ta' din l-Qorti n-nuqqas li bniedem jsegwi ordni tal-Qorti jista jkollu rizultat ta' fattur kemm oggettiv u cioe kwistjoni li hija ndipendenti mill-volunta tal-partijiet bhal per ezempju jekk il-minuri hija marida, kemm soggettiva, u cioe dipendenti mill-volunta ta' parti.

Il-Qorti ghalhekk trid taghmel ezercizzju u tara x'kienet r-raguni ghaliex l-imputat naqas li jobdi ordni tal-Qorti sabiex tistabbilixxi li r-raguni tieghu ghal tali nuqqas, ghalkemm soggettiva, tikkostitwixxi raguni xierqa fit-termini tal-ligi.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar, 2001*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Tabone** fejn dik il-Qorti rriteniet li:

*"Non osservanza tal-ordnijiet tal-Qorti Civili in materja ta' hlas ta'manteniment u access ghal ulied (paragrafu Z u LL tal-artikolu 338 tal-Kap 9), tammonta in realta mhux tant ghal sfida lejn dik il-parti li jkollha dritt ta' access, daqs kemm ghal sfida lejn l-awtorita tal-Qorti li tkun tat l-ordni relattiv."*

Ghalhekk il-Qorti thoss li bhala regola il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu pjuttost severi fl-applikazzjoni tal-piena fir-rigward ta' dawn iz-zewg kontranvenzjonijiet.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju, 1994*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija v Carmen Tabone Reale** dik il-Qorti tat spjiegazzjoni tat-tifsira "raguni xierqa" (*just cause* fit-test ingliz).

Dik il-Qorti ghamlet referenza ghal kaz ***Kanadiz R v Arthurs, ex p Arthur Shipping Co. [1967] 7 Ontario Reports 272:***

*"Just cause does not mean the same as 'proper cause', 'proper' meaning only 'fit, apt suitable whereas just' has a wider meaning including equitable considerations."*
Ghalhekk biex tara jekk kien hemmx raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, il-Qorti trid tizen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1996*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Ebejer**, dik il-Qorti tat tifsira tal-kliem "raguni xierqa". Hija fissret:

*"Li biex wiehed ikun jista jinvoka r-"raguni xierqa" li tezenta lil dak li jkun mir-responsabbilita kriminali, irid jirrizulta li hu jkun fic-cirkostanzi agixxa ragonevolment. L-*

*espressjoni "raguni xierqa" hija sinonima f'dak l-kuntest ghal "raguni tajba" li tista tigi tradotta bhala "reasonable cause".*

Il-Qorti tat ezempji ta' "raguni xierqa " jew "raguni tajba" bhal meta t-tifel jew tifla jkun/tkun marid/a b'mod li l-hrug barra mid-dar jista jkun ta' detriment ghalih jew ghaliha. Il-Qorti kompliet tispjiega li biex wiehed ikun ezentat mir-responsabbilita kriminali, irid ikun  hemm risposta fl-affermattiv ghal mistoqsija: Min kellu jaghti l-access u ma tahx, agixxa b'mod ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz ?

Wiehed irid jzomm f'mohhu li hawn qeghdin fil-kamp ta' l-ordni pubbliku u ghalhekk bhala regola l-ordnijiet tal-Qorti ghandhom jigu **skrupolozament osservati** u hu biss meta jkun hemm raguni xierqa fis-sens kif hawn aktar 'l fuq imfisser li wiehed jista jkun gustifikat li ma jobdix dawk l-ordnijiet.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza taghha deciza nhar l-erbgha ta' April 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Christopher Gatt** dwar it-tifsira ta’ raguni xierqa.

Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova z-zewg elementi ta' din il-kontravenzjoni u cioe fl-ewwel lok li l-imputat kellu jaghti access lil martu ghal binhom minuri Jorn u fit-tieni lok li dan m'ghamlux minghajr raguni xierqa.  Dan il-Prosekuzzjoni bla dubju ta’ xejn ghamlitu ghaliex ressqet lil omm il-minuri Jorn, **Josephine Stellini** li ikkonfermat illi ghalkemm hija ghandha access ghal binha minuri kif ordnat fis-sentenza moghtija milll-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-ismijiet **John Mary sive Jimmy Stellini vs Josephine sive Josette mart John Mary Stellini deciza nhar id-dsatax ta’ Ottubru, 2001** esebita fl-atti, l-imputat dan cahhadha minnu fit-tmienja ta’ Jannar, 2004 u fil-fehma tieghu bla ebda raguni valida.  Hija spjegat illi illum hija tghix ma ragel iehor u ghandha *twins* minnu u meta it-tifel Jorn ikun ghandha hija tiehu hsieb it-tlett itfal flimkien.

Xehed **Peter Paul Stellini**, social worker u spjega kif nhar is-sebgha ta' Jannar, 2004, Jimmy Stellini mar ghandu flimkien ma ibnu Jorn u qallu li ibnu ma jridx imur b'xejn ghand ommu u huwa kien inkwetat ghaliex ma xtaqx jikser l-ordni tal-Qorti.

Huwa ghalhekk hass li kellu ikellem it-tifel u fil-fatt hekk ghamel. Ikkonferma li t-tifel qallu li ma riedx imur ghand ommu, li missieru kien qed iheggu biex imur u li huwa mhu kuntent xejn ma ommu. Qallu li ommu ssawtu bic-cintorin li igghelu jiehu hsieb hutu t-*twins* u li tippreferi lilhom minnu u li ittih hafna inqas attenzjoni milli taghti lilhom.

Huwa ghalhekk ipprova jispjega lit-tifel li kellu omm daqs kemm kellu missier u li ma setax ma jmurx izda t-tifel ma ried jaf b'xejn u insista li ma jmurx.

Huwa ghamel il-verifiki tieghu biex jara jekk kienx hemm xi problema l-iskola pero irrizulta li t-tifel kien sejjer tajjeb.

Xehed il-minuri **Jorn** u spjega lill-Qorti fil-presenza tal-avukati koncernati d-dwejjaq li jaqbdu meta imur ghand ommu. Qal illi ommu ghandha zewg itfal zghar *twins* u li ommu thobbhom aktar minnu. Spjega bid-dmugh f'ghajnejh kif missieru iridu bil-fors imur ghand ommu u kif hu ma jridx. Kif ommu issakru fil-kamra tieghu jekk ma jmurx tajjeb l-iskola u kif darba minnhom ukoll sawtitu bic-cintorin u wera marka fuq daru lill-Qorti. It-tifel kien qed jitkellem bid-dmugh f'ghajnejh u deher infelici hafna dwar ommu.

Fuq din l-allegazzjoni l-Qorti hasset il-htiega li tinnomina tabib sabiex jezamina lit-tifel u jghid jekk it-tifel ghandu marki fuq gismu li jindikaw swat. Hija ghal dan il-ghan innominat lil Dottor Robert Sciberras li ezamina lit-tifel il-Qorti fis-sigrieta nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 2004.

Dottor **Robert Sciberras** xehed dakinhar stess u qal illi t-tifel huwa tifel intelligenti hafna. Iddeskriva l-marki li huwa sab fuq gisem il-minuri. Pero it-tifel ta' spjegazzjoni ghalihom kollha, u fil-fehema tat-tabib kollha kienu

kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti kif spjegata mit-tifel stess. Per esempju ghal marka fuq idejh it-tifel qal li kienet marka ta' suffarina. Dik ta' saqajh gidma ta'insett u dik fuq dahru b'cintorin. It-tabib ikkonferma illi l-marki kollha kienu kompatibbli ma dak li qal it-tifel. It-tifel ta anke z-zmien ta' meta gew ikkagunati u fil-fehema tat-tabib iz-zmien kien indikattiv tal-precizjoni fil-verzjoni tal-fatti mghotija minnu.

Illi l-**imputat Jimmy Stellini** ukoll xehed u spjega kif it-tifel jigi imwerwer minghand ommu u kemm it-tifel jghid li ma jridx imur ghand ommu. Spjega kif hu dejjem jinsisti mieghu li jrid imur ghand ommu u kemm ghandu problemi mat-tifel dwar dan ghaliex it-tifel ma jridx jisma b'xejn. Huwa spjega kif ipprova jghamel minn kollox biex jispjega lit-tifel li jrid imur ghand ommu u sahansitra anke hadu ghand is-social worker sabiex jghinu u jispjega lit-tifel din l-ordni. Izda dan kien ghal xejn, xorta it-tifel ma jridx imur b'sahha. Ikkonferma li t-tifel kien jghidlu li hu mdejjaq hafna meta ikun ghand ommu ghaliex ma thallihx iccempillu ghalkemm ghandu mobile phone u li issawtu u turi preferenzi mieghu w a favur ta' hutu izghar minnu.

L-imputat fil-fatt hass li ghandu jghamel rapport fl-ghassa dwar din il-problema u dakinhar stess tas-sebgha ta' Jannar, 2004 huwa mar l-ghassa ir-Rabat u irraporta li ghalkemm huwa ghandu ordni mill-Qorti biex jghati access lil martu fuq ibnu dan ma setax jghamlu ghaliex it-tfel ma riedx imur b'xejn.

**PS 1346 Anthony Schembri** xehed fid-disgha u ghoxrin ta' Jannar, 2004 u spjega illi huwa minnu li l-imputat ghamel rapport l-ghassa nhar is-sebgha ta' Jannar, 2004 dwar il-fatt li ibnu ma riedx imur ghand ommu. Il-Pulizija tkellmet ukoll ma dan il-minuri li dejjem zamm l-istess verzjoni ta' fatti ghaliex ma riedx imur ghand ommu u cioe` ghaliex proprjament ommu issawtu jekk igib xi haga hazina l-iskola, li ommu ma tridux icempel lil missieru meta ikun maghha u li sahansitra anke sakkritu fil-kamra tieghu. Il-Pulizija ittentat tikkonvinci lit-tifel minuri izda dan kien ghal xejn ghaliex it-tifel ma riedx jaf.

Illi ghalhekk m’hemmx dubju li l-imputat ghamel hiltu kollha biex ma jiksirx l-ordni tal-Qorti u ma qabadx u ma tax kaz din l-ordni kif donnha riedet issostni il-Prosekuzzjoni. Illi ma jirrisultax li l-minuri ma marx ghand ommu minhabba xi raguni attribwibbli lil missieru l-imputat izda solament ghar-raguni attribwibbli lill-istess minuri.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi migbura u thoss li bix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni stess, il-Prosekuzzjoni m'irnexxiliex tipprova l-elementi rikjesti ghal din il-kontravenzjoni.

Illi ghalhekk mill-provi mismugha **il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat JIMMY STELLINI ma tax access lil martu Josephine f’dik l-okkazzjoni tat-tmienja ta’ Jannar, 2004 mhux kapriccozament izda minhabba l-istess raguni xierqa li ssemmi l-ligi u ghalhekk il- Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni m'irnexxiliex tipprova din l-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------